MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 136/1995/1

**Winston Carbone ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Burlington Holdings Ltd.**

**v.**

**Tancred Tabone bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, u il-Perit Joseph Ellul Vincenti bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan huwa appell dwar l-ammont reklamat mill-Korporazzjoni Enemalta bhala hlas ghall-konsum ta' l-elettriku minn *meter* tal-partijiet komuni ta' kumpless kummercjali, u li nstab li s-sigilli tieghu kienu nkisru biex ikun jista' jahdem iktar bil-mod. B'sentenza tal-11 ta' Dicembru 2003, il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur *nomine*. Din il-Qorti sejra tirriproduci s-sentenza appellata fl-intier taghha peress li fiha, apparti it-talbiet u l-eccezzjonijiet, hemm riassunt tajjeb tal-provi prodotti u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti ghall-konkluzjoni taghha:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni ppresentat mis-socjeta` attrici fil-31 ta' Jannar, 1995, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi l-attur pro et nomine huwa proprietarju ta' ambjent maghruf bhala Burlington Complex f'Dragonara Road, San Giljan, u bhala tali kien jgawdi minn servizz ta' dawl fir-rigward ta' parti minn dan il-korp ta' bini maghruf lill-konvenuti nomine bhala "Burlington Complex Office";

"Illi l-konvenuti nomine qed jippretendu hlas ghal erba' xhur konsum ta' dawl cioe` mill-4 ta' Mejju 1992 sas-17 ta' Settembru 1992 li jammonta ghal (Lm 28,071.11,1) tmienja u ghoxrin elf u wiehed u sebghin lira, hdax-il centezmu u millezmu;

"Illi kif jigi ppruvat, u kif inhu kostatabbli mill-konvenuti nomine, mhux teknikament possibbli li jigi registrat tali konsum meta wiehed jqis l-appart elettriku konness mal-*meter* koncernat;

"Illi fil-fatt saret investigazzjoni kriminali fil-konfront tal-*meter* koncernat li ghandha tikkonferma dan;

"Illi minkejja dan il-konvenuti baqghu jinsistu dwar il-hlas tal-kont u effettivament ghax l-attur fic-cirkostanzi baqa' ma hallasx, arbitrarjament u abusivament qatghu is-

servizz tad-dawl u minhabba f'hekk l-attur propro et nomine sofra u qed jsofri d-danni;

"Illi b'ittra ufficjali tat-8 ta' Awwissu 1994 l-attur proprio gie interpellat sabiex ihallas is-somma ta' (Lm 28, 442. 40) tmienja u ghoxrin elf erba mija u tnejn u erbghin lira u erbghin centezmu;

"Ghalhekk il-konvenuti nomine jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara li s-somma ta' (Lm 28,442. 40) tmienja u ghoxrin elf erba mija u tnejn u erbghin lira u erbghin centezmu, fuq imsemmija mhix dovuta ghar-ragunijiet fuq premessi;

"2. Tiddikjara li ghalhekk u fid-dawl ta' dak kollu fuq premess il-konvenuti nomine jew min minnhom agixxa b'mod arbitrarju u abusiv fil-konfront tal-attur proprio et nomine;

"3. Konsegwentement tillikwida id-danni sofferti mill-attur nomine;

"4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jhallas lill-attur id-danni kif hekk likwidati;

"5. Fi kwalunkwe kaz tordna lill-konvenuti nomine sabiex fi zmien qasir u perentorju jirriprestinaw is-servizz ta' dawl u ilma fil-fond imsemmi tal-attur.

"Bl-ispejjes kontra il-konvenuti nomine li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma li in forza taghha ecepiet illi l-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf, erba' mija u tnejn u erbghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm 28,442.40) huwa verament dovut mill-attur nomine lill-konvenut;

“Illi hija l-ligi stess li tawtorizza lill-konvenuti li jissospendu s-servizz ta’ l-elettriku ta’ konsumatur meta dan jibqa’ moruz fil-pagamenti;

“Illi s-servizz ta’ l-ilma ma giex sospiz;

“Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

“Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta li in forza taghha ecepiet illi l-qari tal-*meters* huwa korrett.

“Illi ebda danni ma huma dovuti stante li l-esponent agixxa skond il-poteri moghtija lilhu mill-Art. 23 tal-*Electricity Supply Regulations*.

“Salv eccezzjonijet ohra.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat:

“Illi s-socjeta` attrici hija propretarja ta’ kumpless f’San Giljan maghruf bhala Burlington Complex, liema kumpless huwa servut bid-dawl u ilma provdut mill-Korporazzjonijiet konvenuti. Ghar-rigward il-konsum tal-ilma, qatt ma giet riskontrata problema, u l-qari tal-*meter* relattiv u l-hlas korrispondenti kien isir b’mod regolari minghajr ilmenti.

“Ghar-rigward tad-dawl, ukoll kien hemm zmien meta ma kienx hemm problemi, pero`, f’okkazzjoni minnhom, fil-perjodu li jkopri z-zmien minn Mejju tal-1992 sa Settembru

tal-1992, kien hemm qari tal-*meter* li wassal ghal kont ta' Lm 28,000. Din is-somma ma inhargitx fuq stima tal-konsum, izda fuq qari effettiv tal-*meter*. Meta rat dan il-konsum, is-socjeta` konvenuta ilmentat ghax qieset li s-somma kienet wahda esagerata. Minn *inspections* li ghamlu ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta instab li l-*meter* relattiv kellu zewg sigilli maqlugha b'mod li l-*cover* tal-*meter* seta jinqala u l-arlogg imbghabas. Il-*meter* inqala u gie sostitwit b'iehor. Il-*meter* l-antik gie ezaminat mit-*technician* tal-Korporazzjoni Enemalta li sab li l-istess *meter* kien hadem *slow*, jigifieri li kien jimmarka bhala konsum anqas minn dak li fil-fatt kien qed jigi kkunsmat.

"Jigi carat li l-kumpless in kwistjoni ma kienx jahdem fuq *meter* wiehed imma l-elettriku kien supplit b'diversi *meters*. Dan il-*meter* in partikolari kien isservi l-partijiet komuni tal-kumpless, u kien *meter* specjali ghal-*heavy consumption* li jkollu l-*cable* tieghu li jkun gej dirett mis-*sub-station* fil-lokal.

"Bhala regola il-konsumatur huwa responsabbli ghall-hlas tal-konsum tal-elettriku u l-konsumatur responsabbli huwa dak li fuq ismu jinsab registrat il-*meter* li jirregistra dak il-konsum. Huwa immaterjali min, fil-fatt, ikun ikkonsuma dak l-elettriku, ghax il-persuna responsabbli fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta tibqa' dik li fuq isimha jkun registrat il-*meter* relattiv. F'dan il-kaz, il-konsumatur registrat huwa l-attur, u kwindi dan huwa responsabbli ghall-konsum kollu li jigi registrat fil-*meter* tieghu.

"Fil-kaz in ezami, pero`, ghandna fattur stramb. Il-kontijiet ta' dan il-*meter* partikolari, ghal-zmien twil, kienu ivarjaw minn Lm 300 sa Lm 800, b'okkazzjoni wahda jaqbez bi ftit is-somma ta' Lm 1,000, izda fi zmien wiehed partikolari, ir-*reading* qabez minn qari ta' 105743 *units* ghal 888081 *units*, li wassal ghall-kont straordinarju ta' Lm28,071 ghall-perjodu ta' erba' xhur biss. L-uzu tal-elettriku, qabel din il-qabza partikolari, kien isoltu jghola bejn ghaxart elef u ghoxrin elf *unit* kull perjodu ta' erba' xhur, pero`, f'daqqa wahda il-konsum f'dak il-perjodu irregistra zieda ta' kwazi tmien mitt elf unit!

"Dan il-*meter* partikolari, min-naha l-ohra, ma kienx iservi post maghluq, izda kien iservi l-*common parts* tal-kumpless, u kwindi ma jistax jigi eskluz li xi hadd li kien residenti jew jaghmel uzu minn appartament fil-kumpless seta qabbad xi apparrat ma xi socket fil-*common part*. Lanqas ma jista' jigi eskluz li s-socjeta` attrici inqdiet minn dan il-*meter* biex tforni elettriku ghal band' ohra, skond il-htigijiet taghha. Irrizulta ukoll li l-*meter* kellu zewg sigilli maqtugha b'mod li l-istess *meter* setgha jigi mbaghbas. Normalment, wiehed imiss *meter* biex jisslowja l-arlogg u b'hekk inaqqas il-konsum, pero`, ma jistax jigi eskluz li *meter* mbaghbas f'xi mument "jirvella" u jibda jdur f'salt. Dawn, veru, huma ipotesijiet, pero`, possibilitajiet li setghu waslu ghal dik is-*sudden surge* fil-konsum.

"Il-Korporazzjoni Enemalta resqet provi li juru li l-*meter* in kwistjoni kien jaqra tajjeb u kien jahdem u jiffunzjona tajjeb. Is-socjeta` attrici resqet prova li konsum ta' Lm28,000 f'erba' xhur huwa "impossibli" anke ghall-kumpless kollu. X'wassal, allura, ghal *reading* hekk gholi ?

"Is-soluzzjoni ghal dan il-kwezit tiddependi hafna minn min ghandu l-oneru tal-prova. Il-Qorti tqis li huwa l-konsumatur li jrid jipprova li kont huwa esagerat, u mhux l-Enemalta li trid tiggustifika r-*reading*. Il-*meter* huwa taht il-kontroll tal-konsumatur u dan jaf, jew ghandu jkun jaf, x'uzu qed isir minn dak il-*meter*. Il-*meter* huwa erbgha u ghoxrin siegha kull jum taht il-kustodja u fil-pussess tal-konsumatur, u hu hu responsabbli ghalih. Il-Korporazzjoni Enemalta, min-naha l-ohra, m'ghandhiex kontroll x'uzu jsir mill-elettriku li jghaddi minn dak il-*meter*, u ma tistax tipprova li, f'xi okkazzjoni partikolari, sar uzu eccessiv tal-elettriku. Hi trid toqghod fuq dak li jirrizulta mill-*meter*, u diment li dak il-*meter* ikun qed jiffunzjona tajjeb, il-presunzjoni ghandha tkun li l-qari tal-*meter* jirrifletti l-uzu li effettivament sar mill-elettriku. Il-konsumatur seta' uza dak l-elettriku biex ihaddem magna b'konsum ta' livell gholi jew uza dak l-elettriku biex, b'uzu ta' cable, wassal l-elettriku band' ohra; dan il-Korporazzjoni Enemalta ma tistax tkun tafu, u kwindi huwa l-konsumatur li jrid iressaq provi biex iwaqqa' l-presunzjoni li tohrog minn qari tal-

*meter*. Kwindi, hija s-socjeta` attrici li, f'dan il-kaz, trid tipprova li l-kont u l-konsum in kwistjoni mhux gustifikat.

"L-unika prova li resqet is-socjeta` attrici hi li ma jistax ikun li l-kumpless jahli daqshekk elettriku f'perjodu ta' erba' xhur, pero`, ma tat ebda spjegazzjoni ghall-istat tal-qari. Il-Qorti, hu veru, hija komposta minn gudikant li ghandu juza l-buon sens tieghu, pero`, f'dan il-kaz il-buon sens ma jistax jeskludi dan il-konsum. Dan mhux kaz ta' *meter* li jforni dar b'familja ta' erba' min-nies li tuza appliances normali u mhux prezunibbli li tuza l-elettriku b'mod esagerat. Dan hu kumpless kummercjali, miftuh ghall-pubbliku, b'livell gholi ta' kunsum regolari. Jista' jkun li l-elettriku insteraq minn terzi ad insaputa tas-socjeta` attrici, pero`, jekk ikun hekk, xorta wahda il-konsumatur registrat jibqa' responsabbli ghal-dak il-konsum.

"Inoltre, jidher car li dan il-*meter* kien gie *tempered with* u f'dawn ic-cirkustanzi, il-konsumatur mhux biss irid jipprova l-fatt ta' haddiehor, ghax altrimenti huwa ghandu jitqies responsabbli bhala r-*registered title holder*, izda irid jaghti spjegazzjoni tad-diskrepanzi li jirrizultaw fil-qari, spejgazzjoni li, fil-fehma ta' din il-Qorti, is-socjeta` attrici ma tatx. Il-fatt, li l-*meter* gie imbghabas biex jimxi bil-mod, ma jiskludix li, ghal-zmien partikulari, dan l-istess *meter* kien qed jahdem b'mod normali, u kwindi ma jistax jigi eskluz li l-konsum indikat kien fil-fatt il-konsum reali. Kollox ma kollox, din il-Qorti mhux sodisfatta li s-socjeta` attrici irnexxielha tipprova li l-konsum in kwistjoni huwa esagerat u ma jirrispekkjax ir-realta`.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha."

**<u>Appell</u>**

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza, u dan b'rikors intavolat fit-23 ta' Dicembru 2003. L-aggravju taghha huwa bazikament wiehed u cioe` li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Hija tillanja wkoll – ghalkemm dan hu, proprjament, parti mill-istess aggravju

– illi l-provi taghha nstemghu minn gudikant differenti mill-gudikant li sema' l-provi tal-konvenuti u li ddecieda l-kaz[1].

Dwar dan il-kumment tas-socjeta` appellanti, cioe` ta' min sema' l-provi ta' min, din il-Qorti tqis li dan il-kumment fir-realta` ma jwassal imkien. Is-socjeta` appellanti m'hix qed tallega, u wisq inqas ressqet xi nitfa ta' prova, li hija ma nghatatx smiegh xieraq f'xi stadju fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Id-dritt ghal smiegh xieraq ma jirrikjedix invarjabbilment li l-provi kollha ghandhom jinstemghu, u jigu decizi, mill-istess gudikant. Huwa komuni hafna, in fatti, li kawza tibda tinstema' minn gudikant wiehed u, ghal xi raguni, f'xi stadju tkompli tinstema' u tigi deciza minn gudikant iehor, jew li l-provi kollha jew uhud minnhom jinstemghu minn imhallef supplenti jew, illum, minn Assistent Gudizzjarju. Dan il-fatt *per se* bl-ebda mod ma jista' jinghad li jilledi d-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq. Fi kwalunkwe kaz, jekk is-socjeta` attrici deherilha li ser issoffri xi pregudizzju ghaliex tbiddel il-gudikant li kien qieghed jisma' l-kawza (ghax, forsi u per ezempju, kollox kien jiddependi mill-kredibbilita` ta' xhud, wahdu jew in kuntrast ma xhud jew xhieda ohra, kien jinkombi lilha li tissolleva dan il-fatt immedjatament quddiem l-ewwel Qorti, sabiex jekk ikun mehtieg il-provi jergghu jinstemghu mill-gdid, u mhux thalli l-proceduri jibqghu ghaddejjin, u issa, ghaliex l-ezitu tal-kawza ma kienx favorevoli ghaliha, tinsinwa bl-iktar mod vag fl-istadju ta' l-appell li sofriet xi forma ta' pregudizzju ghaliex il-provi taghha ma nstemghux mill-istess gudikant li ddecieda l-kawza. Ladarba hija naqset li tissolleva kwalunkwe oggezzjoni li – ghall-grazzja ta' l-argument biss – seta' kellha ghall-bdil tal-gudikant fil-proceduri fl-ewwel istanza, hija prekluza milli tissolleva tali oggezzjoni fl-istadju ta' l-appell.

Rigward l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fir-ragunament

---

[1] Jigi precizat li fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2007 quddiem din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – id-difensuri taz-zewg Korporazzjonijiet inghataw il-fakolta` li jippresentaw nota fejn jindikaw id-disposizzjoni jew disposizzjonijiet precizi tar-"regolamenti tal-1938", li huma kienu ghamlu referenza ghalihom, li riedu lill-Qorti li tezamina. Din in-nota, pero`, kellha tigi prezentata bil-visto tal-Avukati tal-kontroparti appellanti. Din in-nota giet prezentata, <u>pero` minghajr dan il-visto</u>, u konsegwentement din il-Qorti sejra tinjoraha kompletament.

li wassal lill-ewwel Qorti ghall-konkluzjoni taghha. Ma hemmx dubbju li l-ezitu ta' din il-kawza jiddependi fuq min ghandu l-oneru tal-prova. Din il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti li f'dan il-kaz huwa l-konsumatur li jrid jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li l-kont huwa esagerat. Il-Korporazzjoni Enemalta mhix tenuta li tiggustifika r-*reading* sakemm ma jirrizultax li l-*meter* kien difettuz b'tali mod li jirregistra aktar milli suppost. Fil-kaz in ezami il-Korporazzjoni gabet prova li l-*meter* in kwistjoni kien jaghmel l-oppost, ossia jirregistra anqas milli suppost. Is-socjeta` attrici isserrah kwazi l-argumenti kollha ta' l-appell taghha fuq ix-xiehda ta' William Cassar Torreggiani – li gie nominat bhala espert fil-inkjesta magisterjali dwar il-*meter* in kwistjoni – li fl-opinjoni tieghu konsum ta' LM20,000 u fuqhom fi zmien tlett xhur huwa impossibbli ghall-ambjent in kwistjoni, u anke ghall-kumpless kollu huwa impossibbli, skond dan ix-xhud[2]. Pero` dan ix-xhud ma jipprova jaghti l-ebda spjegazzjoni ta' kif jew ghala gie registrat dak il-konsum fuq il-*meter*. Inoltre, is-socjeta` appellanti ghazlet li ma tezebix ir-rapport li dan ix-xhud ghamel fl-inkjesta magisterjali, ghax skond kif gie registrat fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' April 1998[3], skond is-socjeta` appellanti *"minn ezami ta' l-istess rapport ma jirrizultax li hu rilevanti ghall-meritu ta' din il-kawza."*

Frankament, din il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rapport ta' l-espert mahtur mill-magistrat inkwerenti biex jezamina l-*meter* in kwistjoni jista' ma jkunx rilevanti ghall-fini ta' din il-kawza, u imbaghad donnu, b'amnesija totali ta' dak registrat fis-16 ta' April 1998, f'dan l-istadju ta' l-appell is-socjeta` appellanti tilmenta illi ma gie prodott l-ebda rapport tekniku minn espert indipendenti dwar dan il-*meter*. Jekk fl-opinjoni taghha, ir-rapport ta' l-espert mahtur fl-inkjesta ma kienx rilevanti, kien jinkombi fuq is-socjeta` appellanti stess li titlob fil-proceduri in prim'istanza li jigi ezebit il-*meter* in kwistjoni u li l-ewwel Qorti tinnomina espert tekniku biex jezaminah. Is-socjeta` appellanti ma tistax tiskariga dawn in-nuqqasijiet taghha ghal fuq l-appellati jew fuq l-Ewwel Qorti.

[2] Fol. 56.
[3] A fol. 59 tal-process.

In oltre, is-socjeta` appellanti bl-ebda mod ma ppruvat tikkontradici x-xhieda ta’ l-Inginier John Tonna, impjegat tal-Korporazzjoni Enemalta[4].

Rigward l-inkonsistenzi l-ohra, *ex admissis* zghar, li s-socjeta` appellanti tirrileva fir-rikors ta’ l-appell taghha, jigi rilevat is-segwenti:

1. Dwar jekk is-sigilli homor tal-*meter* kienux maqtughin jew le, wiehed irid jiftakar li x-xhud William Cassar Torreggiani kien qed jixhed mill-memorja, u ghar-ragunijiet li tafhom hi biss, is-socjeta` appellanti ghazlet li ma tezebix ir-rapport tieghu. Li johrog car mix-xiehda ta’ Winston Carbone – li fuqu huwa registrat il-*meter* u li hu r-rapprezentant tas-socjeta` appellanti – huwa li z-zewg sigilli tal-*meter* kienu maqtughin[5] u li dan il-fatt skond ix-xhud innifsu *“tefa’ dawl ikrah hafna fuqi peress li l-metre qieghed fuq ismi.”*[6]

2. Rigward il-kaxxa l-hadra (“oggett magenb il-*meter*”) li allegatament kienet imwahhla magenb il-*meter* tad-dawl in kwistjoni, din fi kwalunkwe kaz hija irrelevanti ghal fini tal-kaz odjern, stante li ma kienitx imwahhla mal-*meter* in kwistjoni.

3. Dwar il-fatt li *l-meter* in kwistjoni ma giex ezebit u ma giex ezebit rapport tekniku indipendenti fuqu, diga` inghad li fil-fehma ta’ din il-Qorti hija s-socjeta` attrici appellanti biss li tahti ta’ dan, peress li lilha kien jinkombi l-oneru li ggib l-provi. Mill-provi jirrizulta car li l-*meter* gie ezaminat kemm mill-ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta, kif ukoll mill-espert mahtur mill-magistrat inkwerenti, fil-prezenza ta’ Winston Carbone, li fuq ismu jinsab registrat il-*meter* u li hu r-rapprezentant tas-socjeta` appellanti. L-allegazzjoni fir-rikors ta’ l-appell li meta ttiehed il-*meter,* is-socjeta` appellanti ma kellhiex access ghalih ma ssib l-ebda konfort fil-provi.

[4] Ara xhieda a fol. 111 sa fol. 113 tal-process.
[5] Ara xhieda ta’ Winston Carbone a fol. 21 tal-process.
[6] Ara xhieda ta’ Winston Carbone a fol. 26 tal-process.

4. Rigward il-fatt li s-sigilli instabu miksura f'Jannar 1993, izda l-kont in kwistjoni kien jirrigwarda Settembru 1992, kif sewwa osservat l-Korporazzjoni Enemalta, il-kontijiet jintbaghtu wara li jsir il-konsum u wara li dan jinqara mill-ufficjal inkarigat tal-Korporazzjoni. Ma hemmx kontestazzjoni li l-qari tal-konsum sa Settembru 1992 kien korrett, u ghalhekk kien jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tressaq provi biex twaqqa' l-prezunzjoni li tohrog mill-qari tal-*meter*, u cioe` li dak il-qari jirrifletti l-uzu li effettivament sar mill-elettriku – haga li s-socjeta` attrici naqset li taghmel.

5. Dwar il-komportament ta' Winston Carbone, jigi osservat li bhala s-sid tal-*common parts* tal-blokk kummercjali, is-socjeta` attrici kellha tuza d-diligenza u l-vigilanza kollha mehtiega biex tassikura illi l-ebda abbuz ma jkun qed jigi perpetrat fi hwejjigha. Mix-xiehda ta' Winston Carbone nnifsu jirrizulta illi l-kamra fejn kien jinzamm dan il-*meter*, ghalkemm suppost kienet tinzamm maghluqa, il-bieb dejjem kien ikun miftuh[7], u ghalhekk kien accessibbli ghal kulhadd. Din il-Qorti tikkonfessa li ssib ukoll stramb il-fatt li meta Winston Carbone ircieva l-kont tad-dawl in kwistjoni li kien il-fuq minn LM28,000, huwa assuma li kien zball u ma ndenja ruhu jaghmel verifiki ta' xejn – lanqas sempliciment li jivverifika x'kien il-qari tal-*meter* u l-kundizzjoni tieghu[8], u dan meta kien jaf li l-kamra fejn kien dan il-*meter* kienet accessibbli ghal kulhadd.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, u ghalhekk ser tichad l-appell.

**Decide**

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mis-socjeta` appellanti.

[7] Ara xhieda ta' Winston Carbone a fol. 22 tal-process.
[8] Ara xhieda ta' Winston Carbone a fol. 25-26 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------